**MEDIA RELEASE**
**27 ta' Marzu 2009**

# "Ghalija d-drittijiet tal-haddiema huma prijorità"

*Claudette Abela Baldacchino*

"Il-haddiema drittijiet u gustizzja ghandhom bzonn u mill-Parlament Ewropew se nkun qieghda nahdem biex dawn id-drittijiet mhux biss jigu mharsa izda wkoll imsahha." Hekk sahqet il-kandidat tal-Partit Laburista ghall-Parlament Ewropew Claudette Abela Baldacchino, f'laqghat separati mal-General Workers Union u l-Malta Union of Teachers.

"Irridu nsahhu l-kundizzjonijiet tal-haddiema u mill-Parlament Ewropew se nahdem biex nsahhu wkoll l-oqsma socjali. Irridu Ewropa socjali, irridu Ewropa tan-nies, irridu Ewropa fejn il-poplu jigi qabel l-interessi tas-suq," ziedet tghid Abela Baldacchino.

Tul dawn il-laqgha Abela Baldacchino, li hija wkoll rapporteur f'isem il-Grupp Socjalista fil-Kumitat tar-Regjuni tal-UE, pprezentat abbozz tar-rapport li hija hejjiet u li jitkellem dwar il-glieda li trid issir kontra d-diskriminazzjoni. L-istess rapport jelenka l-hidma li l-Unjoni Ewropea trid twettaq biex kulhadd ikollu opportunitajiet indaqs anke fil-qasam tax-xoghol. Ir-rapport joffri ghadd ta' proposti konkreti li kienu diskussi wkoll mal-unions.

Claudette Abela Baldacchino sahqet kif id-diskriminazzjoni fuq il-postijiet tax-xoghol qieghda twassal ghal impjiegi b'pagi baxxi u kundizzjonijiet mill-aghar f'certu setturi. "Dawn ir-realtajiet inaqqsu l-accessibilita' ghal edukazzjoni ta' kwalita u housing diçenti. Id-diskriminazzjoni tista' twassal ghall-eskluzjoni socjali u anke l-faqar u ghalija dak mhux accettabbli," ziedet tghid Abela Baldacchino.

Hija d-dritt tal-haddiema li jissiehbu f'union ghandu jkun imhares bhal m'ghandu jkun protett id-dritt ghal ftehim kollettiv. Il-kandidata tal-PL ziedet tghamel referenza ghar-realta iebsa tal-haddiema b'kuntratti li hafna drabi jghixu f'incertezza kbira.

F'isem il-GWU, Tony Zarb, Segeretarju Generali tal-GWU, sostna li fiz-zmien li gej il-Union se tkun qieghda tipprezenta l-proposti taghha lill-kandidati kollha ghall-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Filwaqt li f'isem l-MUT, il-President John Bencini tkellem dwar is-sitwazzjoni fil-qasam edukattiv f'pajjizna, u enfasizza l-htiega ta' iktar investiment fit-tfal u l-ghalliema.